

# ID-DEVOZZJONI LEJN IL-QALB TA' ĠESÙ

Kien fis-27 ta' Diċembru 1673, li l-Mulej Ġesù deher għall-ewwel darba lis-soru Margerita Marija Alacoque, li ġiet iddikjarata qaddisa mill-Papa Benedittu XV fis-sena 1920. F'dawn id-dehriet, li baqgħu sejrin sa' Ġunju 1675, Ġesù ried juri l-Imħabba enormi li għandu għalina.

Imma ġara li Santa Margerita sabet ħafna ostakli, saħansitra anki minn sħabha tal-istess komunità. Fl-aħħar sabet is-sapport ġenwin tal-Ġiżwita San Claude de la Colombiere, li ħadem qatigħ sabiex joħorġu fil-beraħ dawn id-dehriet. Aktar tard il-Ġiżwiti kienu irsistew ferm biex dawn id-dehriet jiġu aċċettati minn kulħadd.

Kien fl-1928, meta l-Papa Piju XI, fl-Enċiklika *'Miserentissimus Redemptor'*, uffiċjalment ddikjara li l-Knisja tagħraf li dawn id-dehriet u l-wegħdiet ta' Ġesù seħħew veru u li juru tabilħaqq l-Imħabba li Ġesù lejna l-bnedmin.

Dawn huwa dak li Ġesù wegħedna:




**Jiena nagħtihom il-grazzi kollha**
**li jkollhom bżonn fil-ħajja tagħhom.**
**Jiena nġibilhom il-paċi fid-dar tagħhom.**
**Jiena nikkunslahom fil-pwieni kollha tagħhom.**
**Jiena nkun ir-refuġju tagħhom waqt il-ħajja,**
**u fuq kollox waqt il-mewt.**
**Jiena nxerred barka kbira fuq kulma jagħmlu.**
**Il-midinbin isibu f'qalbi ħniena bla tarf.**
**L-erwieħ berdin jitħeġġu bl-imħabba.**
**L-erwieħ devoti jitilgħu fi qdusija ikbar.**
**Jiena nbierek id-dar fejn l-immaġni tal-qalb tiegħi**
**hija sponuta u venerata.**
**Jiena nagħti grazzja li jikkonvertu**
**l-qlub iebsin ta' midinbin kbar.**
**Min ixerred din id-devozzjoni jkollu ismu miktub f'qalbi**
**u minn hemm ma jitħassar qatt.**
**Lil dawk li jitqarbnu fl-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
**għal disa' darbiet wara xulxin,**
**jiena nagħtihom il-grazzja tal-indiema waqt il-mewt,**
**li ma jmutux imbegħdin minni,**
**li jirċievu s-Sagramenti u li fil-mewt,**
**qalbi tkun il-port tas-salvazzjoni tagħhom.**



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI
TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# FL-ISEM TAL-MISSIER, U TAL-IBEN, U TAL-ISPIRTU S-SANTU

## - TLETT PERSUNI F'ALLA WIEĦED -



Fost l-ewwel affarijiet li l-ġenituri tagħna għallmuna bħala parti mill-formazzjoni Nisranija tagħna kien hemm is-sinjal tas-salib fejn aktarx, filwaqt li nitħawdu liema spalla rridu mmissu, konna ngħidu: *'Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu.'* U l-ġenituri tagħna erħilhom jifirħu jarawna nagħmlu pass ċkejken lejn wieħed mill-misteri kbar tal-fidi Nisranija: it-Trinità Qaddisa.

***Misteru, mhux għax ma nifmuhx, imma għax għandna dejjem nagħrfu l-ġdid fih***

Dejjem smajna li t-Trinità hi misteru għax tassew, kif nistgħu nifhmu eżatt li f'Alla wieħed hemm tliet persuni, distinti minn xulxin imma magħquda f'rabta qawwija u intima? Storja dwar Santu Wistin tgħid kif darba kien miexi ma' xatt il-baħar jaħseb u jimmedita dwar Alla meta lemaħ tfajjel b'barmil f'idejh. Meta staqsieh x'kien qed jagħmel, it-tifel wieġbu li kien qed ibattal il-baħar fil-ħofra li kien għadu kif ħaffer fir-ramel. *"Ma tarax li hu impossibbli,"* qallu l-isqof Wistin. *"Daqshekk ieħor,"* wieġeb it-tifel, *"tista' tifhem 'l Alla bil-moħħ ċkejken tiegħek."*

Minkejja li m'aħniex imsejħa biex nagħmlu xi studju profond dwar it-Trinità, biss tajjeb li nkunu nafu aħjar aħna x'nemmnu u min hu dak li jħobbna bi mħabba bla qies!

U min hu Alla? Santu Wistin jasal biex jispjega lil Alla bħala Trinità fejn il-Missier hu dak li jħobb; l-Iben, kif nisimgħu anke fl-Evanġelji, huwa l-Maħbub; u l-Ispirtu s-Santu huwa l-Imħabba li tgħaqqadhom. Huwa dak li kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem u bħalma jgħid San Ġwann, Alla huwa mħabba (1 Ġw. 4:8). U għax l-imħabba ma tingħexx waħedha, hija dehret għalina l-bnedmin fil-persuna ta' Ġesù Kristu li għex ħajtu fuq l-art bħala bniedem bħalna. Il-Missier u l-Iben huma magħquda wkoll permezz tal-Ispirtu s-Santu li huwa l-Imħabba milqugħa u mogħtija, saħansitra lilna l-bnedmin biex nieħdu sehem u nibbenfikaw minn din l-imħabba u ħniena t'Alla.

... ikompli paġna 2

***Misteru li ta' min inkomplu niskopru f'ħajjitna***

Il-misteru tat-Trinità jixħet dawl mhux biss fuq min hu Alla imma saħansitra fuq kif għandha tkun ir-relazzjoni ta' bejnietna speċjalment fi ħdanu. Aħna wkoll imsejħin biex ma ngħixux f'iżolament imma biex inkunu miftuħin għall-oħrajn f'relazzjoni ta' mħabba vera. Dan ma jgħoddx biss għal dawk li qed jgħixu din l-imħabba fis-sagrament taż-żwieġ imma wkoll għal mod li bih irridu ngħixu flimkien anke fil-parroċċa.

Għalhekk ta' min nistaqsu ftit x'inhu l-ispirtu li jmexxina meta nagħtu servizz fil-parroċċa tagħna per eżempju bħala letturi, animaturi, katekisti, membri fil-Kunsill pastorali parrokkjali, etċ.

- Qed ikun servizz mogħti b'imħabba?
- Fil-ħajja tiegħi li parti minnha huwa s-sehem li nagħti fil-Knisja, qed inkun xhud ta' dan Alla li huwa mħabba jew forsi qed niżra' nuqqas ta' qbil u firda?
- Meta naħdem b'ruħi u ġismi għal xi għan, qed inkun mudell ta' mħabba, fejn l-interessi tiegħu ma jiġux l-ewwel u qabel kollox?



***Misteru li ta' min nibqgħu inwassluh lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna u nibqgħu nixhdu għalih***

Għadna ngħallmu liż-żgħar tagħna t-teżori tal-fidi li aħna rċevejna? Huwa l-ewwelnett id-dmir tal-ġenituri li ladarba għażlu li jgħammdu lil uliedhom fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, ikabbruhom fil-fidi u jibdew idewquhom l-imħabba ta' Alla li tidher b'mod konkret fl-imħabba tal-bnedmin. Għax kif nistgħu nħobbu lil Alla jekk ma nirċevux imħabba minn dawk li huma l-iktar qrib tagħna? Kif jistgħu ż-żgħar tagħna jemmnu f'Alla Mħabba jekk ir-realtà li jikbru fiha tkun differenti? Dan fehmitu sewwa Chiara Lubich li waqqfet il-moviment tal-Fokolarini. Hi kienet tgħid li jekk ma nippruvawx ngħixu ħajjitna bl-istess mod li bih jgħixu t-tliet persuni tas-Santissima Trinità, ma niksbu xejn imma jekk nippruvaw, il-frott ikun kbir. Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu ma jistgħux jgħixu mingħajr xulxin imma lkoll jiddependu wieħed fuq l-ieħor u fejn hemm wieħed, hemm it-tnejn l-oħra.

Ejjew nitolbu l-grazzja li aħna nkunu persuni mmexxija mill-Imħabba u li fina u madwarna, din l-Imħabba tidher u tinħass fil-ferħ tagħna u fl-attenzjoni li nagħtu lil xulxin.



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Leon Ellul
Isaac Mallia

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Doris Pisani
Christen Cachia

***Nitolbu għalihom!***







| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 2 ta' Ġunju | **It-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema – Lapsi**<br>Jum Dinji tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali. |
| Il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa u fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 9 ta' Ġunju | **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**<br>Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu ppreżentati dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof.<br>Fl-10:30am - Quddiesa bil-Magħmudija. |
| Il-Ħadd 16 ta' Ġunju | **Festa tat-Trinità Qaddisa – *Jum il-Missier***<br>Fl-10:30am - Quddiesa li fiha tiġi ċċelebrata l-Ewwel Tqarbina<br>Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(Ma ssirx fil-knisja)* |
| Il-Ħamis 20 ta' Ġunju | ***Anniversarju Saċerdotali:***<br>Kan. Ivan Scicluna – 16-il sena (2003) |
| Il-Ħadd 23 ta' Ġunju | **Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu**<br>Fil-5:00pm - Adorazzjoni immexxija mill-Kappillan.<br>Fis-6:00pm - Quddiesa bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'*.<br>Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina. |
| Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju | **Il-Qalb ta' Ġesù** - *L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi*<br>Mit-8:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-MUSEUM, it-tfal tad-Duttrina u l-Abbatini li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.<br>Fis-6:30pm - Quddiesa. |
| Is-Sibt 29 ta' Ġunju | **Solennità tal-Martirju ta' S. Pietru u Pawl - L-Imnarja**<br>***Anniversarju Saċerdotali:***<br>Kan. David Farrugia - Kappillan – 15-il sena (2004)<br>*It-Tieni Jum tal-Kwaranturi*<br>Mit-8:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-K.P.P. li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.<br>Fis-6:30pm - Quddiesa |
| Il-Ħadd 30 ta' Ġunju | **Festa tal-Qalb ta' Ġesù** - *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*<br>Mill-10:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi<br>Fis-6:00pm - Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù animata mill-Kor 'Sine Macula'<br>Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. |

